**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D Dip Mar Can**

**Seduta mizmuma llum, 16 ta' Dicembru 2015**

**Rikors Numru: 53/2013 CSH**

**Mario Aquilina**

**vs**

**Silvio Gatt u Nutar Peter Carbonaro li gie kjamat in kawza b'digriet tal-21 ta' Mejju 2014**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur li gie ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-19 ta' Frar 2013 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas lura lir-rikorrent is-somma ta' tlett elef, sitt mija u hamsa u sebghin ewro (€3,675) li jirraprezentaw bilanc minn somma akbar rapprezentanti nofs depozitu kongunt li kienu ghamlu in konsiderazzjoni tal-konvenju tas-26 ta' Novembru 2012 wara li tnaqqsu xi spejjez ammontanti s-somma ta' elfejn, sitt mija u hamsin ewro (€2,650) li kienu l-ammont ta' taxxa mhallsa, u liema depozitu tar-rikorrent hadu huwa biex akkwista nofs sehem indiviz tal-fond bl-isem 'Partners' gia 'De Michele' fi Triq it-Turisti Qawra skond konvenju tal-10 ta' Jannar 2013.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tal-24 ta' April 2013 fejn Dr Vincent Galea ghall-konvenut iddikjara li huwa ghandu f'idejh cekk mahrug minn Nutar Peter Carbonaro fl-ammont ta' tlett elef, sitt mija u hamsa u sebghin Ewro (€ 3,675). Pero' l-attur ma accettax dan l-ammont ghas-saldu u ghalhekk il-konvenut ikkontesta l-kawza.

Rat ir-risposta tal-konvenut Silvio Gatt li giet prezentata fit-3 ta' Mejju 2013 fejn eccepixxa:

1. *"Illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

2. *Illi f'kull kaz l-intimat qatt ma kellu x'jaqsam mal-hlasijiet li r-rikorrenti odjern ghamel ma' terzi. Anzi l-intimat intervjena man-Nutar Peter Carbonaro sabiex dan ikun jista' johrog cheque fl-ammont ta' €3,675 halli huwa mbaghad jghaddih lir-rikorrenti u dan sabiex il-kwistjoni li kien hemm bejn in-Nutar Carbonaro u r-rikorrenti tintemm.*

3. *Illi f'dan il-kaz, il-kontendenti odjerni kienu dahlu f'konvenju fis-26 ta' Novembru, 2012 fejn kienu obbligaw ruhhom li jixtru u jakkwistaw minghand Da Michele Caterers Limited il-fond ossia restaurant maghruf bl-isem ta' Da Michele, fi Triq it-Turisti, Bugibba. Illum dan il-hanut igib l-isem Partners. Ghal dan il-konvenju, kull wiehed minnhom kien hareg is-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) u dan in kwantu ghal €3,675 bhala depositu akkont fuq il-prezz u in kwantu ghar-rimanenti €1,325 bhala hlas lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti kien halla ghand in-Nutar Peter Carbonaro s-somma ta' €5,000, li minnhom in-Nutar naqqas is-somma ta' €1,325 sabiex ikunu jistghu jithallsu lill-Awtoritajiet relattivi wara li jigi registrat l-istess konvenju. Il-bilanc baqa ghand in-Nutar biex jinghata lill-venditur. L-istess haga ghamel l-intimat.*

4. *Illi sussegwentement, bi skrittura privata datata 10 ta' Jannar 2013 il-partijiet hawn fuq imsemmija rrexxindew dan il-konvenju hawn imsemmi u ddikjaraw is-segwenti "...hereby rescind the agreement entered into between them on the 26th November, 2012 for all effects and purposes of Law and declare that they have no further pretences against each other in this regard". Illi dan l-ammont ta' €3,675 dejjem kien ghand in-Nutar Carbonaro u l-kwistjoni kollha kienet li r-rikorrenti ma riedx ihallas lin-Nutar Carbonaro ta' sehmu mill-ispejjez li l-istess Nutar kien lahaq ghamel wara li gie ffirmat il-konvenju datat 26 ta' Novembru, 2012. Illi minhabba din il-kwistjoni li inqalghet bejn in-Nutar u r-rikorrenti, n-Nutar ma riedx jirrilaxxja l-flejjes li kienu jappartjenu lir-rikorrenti qabel ma huwa jithallas tas-servizzi tieghu u l-ispejjez minnu maghmula. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta bic-car li l-intimat ma ghandu x'jaqsam xejn f'din il-vertenza.*

5. *Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu."*

L-attur **Mario Aquilina** xehed fil-5 ta' Gunju 2013 fejn iddikjara li hu kien jaf lill-konvenut minn qabel ma sar in-negozju in kwistjoni. Huma kienu sejrin jixtru restorant flimkien bhala partners, dan kien bhala bar u filfatt il-bar in kwistjoni kien jismu 'Partners'. Sussegwentament kienu ltaqghu u marru ghand in-nutar Peter Carbonaro u ghamlu l-konvenju. Fuq dan il-konvenju huma hallsu hamest elef ewro (€5,000) kull wiehed bhala deposit. Huwa stqarr li dak il-hin huwa ma setghax johrog il-hamest elef ewro u allura kien hareg tmint elef ewro Silvio Gatt u l-attur kien hareg elfejn ewro pero' fi zmien qasir hafna u cioe' kwistjoni ta' sighat huwa kien tah it-tlett elef ohra permezz ta' cheque li kien gie ikkaxxjat u ghalhekk kienu gew li hallsu hamest elef ewro kull wiehed. L-attur spjega li dak li kien dovut lill-Inland Revenue u cioe' s-somma ta' elf, tliet mija

u hamsa u ghoxrin ewro (€1,325) gie mhallas minnu u kif ukoll minn Silvio Gatt indipendentement.

L-attur tenna li waqt li kienu qed isiru r-ricerki huwa u Silvio Gatt kienu tlewmu bejniethom u ghalhekk l-attur xtaq li ma jkomplux ghaddejjin b'dan in-negozju. Sussegwentement l-attur sar jaf li l-konvenut kien ikkomunika ma' sid il-hanut li jghix l-Ingilterra u ghamel konvenju iehor u l-attur kien gie liberat mill-osservanza. Filfatt l-attur ma jidher imkien fit-tieni konvenju. Sussegwentament Silvio Gatt dahal partner mas-sid tal-hanut in kwistjoni. Huwa pprometta li jesebixxa kopji ta' dawn iz-zewg konvenji permezz ta' nota.

B'referenza ghat-tieni konvenju li sar ghand in-nutar Peter Carbonaro fl-10 ta' Jannar 2012 hemm miktub li l-partijiet kienu qed jawtorizzaw lin-nutar sabiex ikun hemm refuzjoni tal-provisional one per cent tax paid lill-Commissioner of Inland Revenue. L-attur spjega li dak il-hin pero' meta n-nutar staqsa lis-sid x'ser issir mid-deposit li kien sar fl-ammont ta' €10,000, is-sid qallu li ma xtaqx li dan l-ammont li kien hemm bhala deposit jintilef, u allura Silvio Gatt kien qal li huwa kien ser ihallsu ta' sehmu, cioe' dak l-ammont li kien hareg, pero' sallum il-gurnata Silvio Gatt ghadu ma tah xejn. L-attur tenna li kemm hu kif ukoll Silvio Gatt kellhom il-karozzi pparkjati hdejn id-depot tal-pulizija dakinhar li kienu marru fuq dan il-konvenju u qal li dak il-hin qallu li kien sejjer l-Ingilterra biex igib il-flus ghal restorant u stqarr li kemm hu kif ukoll il-konvenut kienu jghixu Londra, u l-konvenut qallu li kien ser ihallsu meta jigi lura u cioe' l-ammont ta' €3,675 pero' sallum il-gurnata ghadu ma rcevihomx. Meta gie lura huwa talabhomlu pero' ghadu minghajrhom sallum.

**In-Nutar Peter Carbonaro** xehed fid-9 ta' April, 2014 fejn iddikjara li l-partijiet kienu marru ghandu u ghamlu ftehim quddiemu. Filfatt parti mid-depozitu qieghed ghandu li jammonta ghal xi €3,400 ghalkemm ma jistax jiftakar l-ammont bl-ezatt. Huwa qal li r-raguni ghaliex dawn il-flus ghadhom

ghandu hija ghax l-ghada tal-konvenju mar ghandu l-attur u staqsieh kif seta' johrog minn dan il-konvenju. Ix-xhud wiegbu kif seta' johrog minnu meta l-linka ghadha friska fuq dan il-konvenju? L-attur wiegbu iva ghax ghamel zball u ried johrog minnu. Ix-xhud spjega illi peress li kien hemm id-depozitu, zammu sakemm jara l-partijiet x'ser jaghmlu forsi jifthemu. Ic-cekk ghadu l-Qorti. Huwa ma jahsibx li din kienet cedola. Jiftakar li huwa kien tah lill-klijent tieghu Silvio Gatt biex jiddepozitah il-Qorti u dawn ghadhom hawn sallum. Huwa ddikjara li ma rtirahomx mill-Qorti. Ix-xhud jaf li l-venditur kien insista li t-tnejn jersqu ghall-kuntratt finali izda mbaghad kien il-venditur li nhall mill-konvenju. Sussegwentament Silvio Gatt qallu li kien ser jiehu responsabilita' hu u Aquilina hareg mill-istorja. Ix-xhud hareg cekk minn tieghu ghall-istess ammont li kien hareg Mario Aquilina.

In kontro-ezami x-xhud tenna li huwa ghandu kont pendenti mas-Sur Aquilina ghax ghadu sallum ma thallasx. Huwa lil Aquilina rah darbtejn.

Rat in-nota tal-attur li gietipprezentata fil-21 ta' Mejju 2014 li permezz taghha esebixxa zewg dokumenti li gew immarkati bhala Dok 1 u Dok 2.

Rat li n-Nutar Peter Carbonaro gie kjamat in kawza b'digriet moghti seduta stante nhar il-21 ta' Mejju 2014.

**Stephen Sciortino** xehed fil-21 ta' Mejju 2014 fejn meta mistoqsi jekk jafx il-partijiet kontendenti ta' din il-kawza, wiegeb li jafhom. Huwa jaf li effettivament kien hemm xi negozju ghaddej bejniethom. Ix-xhud tenna li dawn qatt ma tkellmu quddiemu, u ghalhekk ma jafx x'kien qed isir bejniethom. Huwa ddikjara li ma kien prezenti ghal ebda negozju. Huwa jaf li effettivament is-sur Aquilina kien ser johrog minn xi negozju pero' ma kienx hemm qbil bejniethom u kien qed jippretendi li jiehu xi flus lura. Ix-xhud qal li pero' s-sur Gatt qatt ma offra biex jittrangisi din il-pendenza fil-prezenza tieghu. Huwa spjega li hu

flimkien mas-sur Gatt tkellmu ma' xi hbieb u fil-fatt kienu qed jaghmlu referenza ghal din il-kwistjoni ghax ix-xhud ma kienx jaf x'kien qed jigri, u kien qed jisma biss qanpiena wahda, u peress li t-tnejn li huma kienu hbieb tieghu, huwa xtaq li jirrangaw bejniethom. Dak li jaf ix-xhud huwa li Silvio Gatt kien qallu li huwa kien lest li jislef xi flus lis-sur Aquilina. Mistoqsi mill-Qorti jekk qattx qallu li kien lest li jirrifondi xi flus wiegeb li le lilu qatt ma qallu hekk. Huwa rega' kkonferma li qatt ma kien prezenti waqt li l-kontendenti kienu tkellmu fuq dan in-negozju. Meta s-sur Gatt kien qallu li kien lest li jislef xi flus lil Mario Aquilina, ix-xhud kien mar u qallu lis-sur Aquilina. Ix-xhud spjega li s-sur Aquilina kien ha ghalih ghax ma ppretendix li sur-Gatt jitrattah b'dak il-mod, ghaliex fil-fatt huwa kien qed jippretendi flus minn ghandu.

**In-Nutar Sam Abela** xehed fil-11 ta' Novembru, 2015 fejn iddikjara li huwa ma jafx ghaliex gie ngunt. Qal li dwar in-negozju li sar fl-ufficcju tan-Nutar Abela ma jiftakar xejn.

Il-konvenut **Silvio Gatt** xehed fil-11 ta' Novembru, 2015 fejn iddikjara li huwa minnu li huwa kien ser jixtri hanut flimkien mal-attur. Filfatt kienu taw ghaxart elef deposit ghand in-nutar Carbonaro. Huwa hareg tmint elef u s-Sur Aquilina hareg elfejn. Sussegwentement l-attur kien hallsu permezz tal-mara tieghu billi tawh cekk ta' tlett elef li kien sellfu hu biex b'hekk hargu hamest elef kull wiehed. Sussegwentement wara xi xahar is-Sur Aquilina beda jmur bl-iskuzi u dan huwa post li kien three hundred and fifty square metres u ried johrog minn dan il-konvenj. Qal li effettivament huma hallsu wkoll it-taxxa biex irregistraw dan il-konvenju ta' 1% mill-ammont ta' €2650. Dawn thallsu mill-ghaxart elef. Huwa mbaghad qallu li kienu ha jitilfu xi flus u marru flimkien ghand in-nutar Carbonaro. In-nutar qallu li ma setghux johorgu minnu peress li ghamlu l-konvenju u gie registrat. In-nutar qalilhom li l-ghaxart elef kienu ser jitilfuhom zgur u qalilhom wkoll li s-sur Vassallo, minghand min kienu ha jixtru l-hanut, seta' jtellaghhom l-Qorti. Qalilhom illi l-kawza kienu ha jitilfuha zgur u kienu ha

jehlu l-ispejjez ta' kollox. Ix-xhud qal lis-sur Aquilina biex is-Sur Vassallo ma jigix mill-Ingilterra u s-Sur Aquilina qallu biex ma jghidlu xejn ghaliex huma kwistjoni ta' business. Jaf li s-sur Vassallo rrabja meta qalulu li ma kienux se jibqghu ghaddejin bl-akkwist. Is-sur Camilleri infurmah li ma kienx tort tieghu.

Ix-xhud qal li sussegwentement hu kien wasal fi ftehim mas-sur Vassallo illi s-sehem tieghu, cioe' nofs il-hanut, kien lest li jixtrieh xorta bil-klawsola optional li jekk irid in-nofs l-iehor jixtrieh ukoll fi zmien sentejn. Bqajna li ha nahsbuha t-tnejn u kellu jerga' jkellmu l-ghada u s-sur Vassallo qalu li kien lest li jaccetta. Qal li l-attur kien wiehed mill-hbieb kbar tieghi pero' s-sur Vassallo ha ghalih u s-sur Vassallo qallu biex jinsieh lill-attur u s-sur Vassallo qallu li ghalhekk kellu jhassar l-ewwel konvenju u jaghmel iehor. Cemplilhom in-nutar Carbonaro u nfurmah li kien busy pero' huwa qallu li s-sur Vassallo kien ha jsiefer u marru xorta ghand in-nutar. Hassru l-ewwel konvenju, ghalhekk ma kellu x'naqsam xejn aktar mal-attur u ghamlu konvenju mill-gdid bejnu u bejn is-sur Vassallo u n-nutar lill-attur qallu biex imur ikellmu biex jithallas ta' xoghlu. Huma u hergin is-sur Aquilina lin-nutar qallu x'sar minnu l-flus li konna ghamilna? U qallu li dawk il-flus kien ghaddihom lill-Gvern u ghalhekk kellu jistenna xi sitt gimghat u cioe' ghall-ammont kollu li kienu hallsu u cioe' €2,650 u effettivament l-attur kellu jiehu lura nofs dik l-ammont cioe' €1,325. In-nutar kien ha jitlob rifuzjoni minghand il-Gvern.

Qal li l-ghaxart elef li huma hallsu fuq il-konvenju qatt ma kienu f'idejh, kien zammhom in-nutar. Minn dik l-ghaxart elef kienet thallset is-somma ta' €2650 lill-Gvern. Tenna li effettivament in-nutar kien qal lis-sur Aquilina li hu kien lest li jtieh nofs il-bilanc li kien fadal una volta li jhallsu tal-ispejjez li kien inkorra mieghu u cioe' li jhallsu ta' xoghlu. In-nutar kien lest li jtieh l-ammont ta' €1,325 li kien is-sehem tal-attur li hallas il-Gvern una volta jircievihom minghand il-Gvern u nofs il-bilanc ta' €7,450 una volta jithallas l-ewwel ta' xoghlu. Effettivament jaf illi wara xi zmien kien iltaqa' mal-attur u beda jitolbu

€3,675 u qallu biex imur jigborhom minghand in-nutar u l-konvenut wiegbu li huwa ma kelli xejn tieghu u s-Sur Aquilina ried dawn il-flejjes minghandu bilfors. Iddikjara li l-flus ghadu ma tahomlux ghax mhumiex ghandu biex intihomlu. Esebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dokument CSH u qal illi dan huwa l-ftehim li huwa ffirma mas-sur Vassallo. Fuq dan id-dokument hemm il-firma tieghu u dan huwa datat 10 ta' Jannar 2013. Esebixxa kopja tal-istess agreement dattilografat li gie mmarkat bhala Dokument CSH1 li hija riflessjoni tad-Dok CSH. Minkejja li d-dokument CSH1 huwa datat 10$^{th}$ January 2012. Effettivament f'dan l-istess dokument hemm miktub illi bejn il-kontendenti u cioe' bejnu u bejn l-attur ma kienx hemm aktar pretensjonijiet. Hawnhekk spiccaw b'din il-kwistjoni ghaliex l-attur ma riedx ihallas lin-nutar tax-xoghol li kien ghamillu. Qal li hu kien mar ghand in-nutar sabiex jipprova jghin lill-attur u effettivament gab cekk fl-ammont ta' €3,675 indirizzat lill-istess attur u dana ghas-saldu tal-pretensjoni li hu kellu tan-nutar minkejja li l-attur ma hallasx lin-nutar. Dan huwa datat 26 ta' Marzu 2013. Effettivament huwa offra dan ic-cekk lill-istess attur pero' l-attur ma riedx izommu ghax ried jithallas tal-ispejjez tal-kawza wkoll. Dan ic-cekk gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok CSH2. Sa fejn jaf l-attur, una volta dan ic-cekk ghadu ma ssarrafx, il-flus ghadhom ghand in-nutar.

**Nutar Peter Carbonaro** xehed fil-25 ta' Novembru 2015 fejn ddikjara li huwa kien hareg cheque fl-ammont ta' €3,675 f'isem l-attur u dan ic-cheque gie imsarraf minnu. Ikkonferma wkoll illi l-flus u cioe' l-ammont ta' €3,675 inzammu minnu peress illi l-attur kellu xi pendenzi mieghu. Illum il-gurnata pero' dawn qataghhom ukoll. Mistoqsi meta effettivament huwa thallas mill-attur ghal xi servizzi tieghu wiegeb illi skont il-VAT receipt tieghu, huwa thallas fil-11 ta' Frar 2015.

L-attur **Mario Aquilina** rega' xehed fil-25 ta' Novembru 2015 fejn ikkonferma li huwa kien ircieva s-somma ta' €1,325 minghand it-Tezor u €3,675 minghand in-Nutar Peter Carbonaro. B'kollox jaghmlu hamest elef ewro (€5,000).

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz dwar il-kwistjoni dwar il-kap ta' l-ispejjez u dan fl-istess seduta tal-25 ta' Novembru 2015 stante li l-mertu tal-kawza illum jinsab ezawrit.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li effettivament li l-kjamat in kawza n-Nutar Peter Carbonaro kellu fil-pussess teighu somma flus propjeta' ta' l-attur u l-istess Nutar kien qed jirrifjuta li jghaddi l-istess lill-attur ghaliex l-attur kellu xi debiti mieghu. Cio' nonostatne kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tal-11 ta' Frar 2015 in-Nutar Peter Carbonaro iddikjara li kien thallas ghas-saldu tal-pretensjoni li huwa kellu mieghu u ghalhekk kien f'posizjoni li jirrilaxxja c-cheque mizmum minnu fl-ammont ta' tlett elef, sitt mija u hamsa u sebghin ewro (€3,675) liema somma kien zamm f'idejh bhala kawtela sabiex jircievi l-hlas minghand l-attur.

Jirrizulta wkoll mill-atti li bejn il-kontendenti u cioe' l-attur u l-konvenut wara l-10 ta' Jananr 2013 ma kien ghad fadal l-ebda pretensjoni kif jirrizulta mill-iskrittura esebita fl-atti a fol 68 immarkata bhala Dok CSH, liema skrittura kienet giet iffirmata qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna.

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li l-pagament dovut lill-attur kien jinsab ghand in-Nutar sa minn qabel ma nfethet il-kawza odjerna u ghalhekk ma kellu l-ebda dritt ifittex lill-konvenut Silvio Gatt ghal din l-istess somma.

Illi fil-mori tal-kawza l-attur ircieva il-pagament tieghu minghand il-kjamat in kawza u ghalhekk l-mertu tal-kawza odjerna llum jinsab ezawrit u jispetta biss lil din il-Qorti tiddeciedi dwar il-kwistjoni ta' l-kap ta' l-ispejjez.

Illi din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid fuq il-mertu stante li dan gie mhallas fil-mori tal-kawza. Irrizulta pero' li l-ispejjez ta' l-istess talba ma thallsux. Illi l-

konvenut stqarr li m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tal-kawza ghaliex huwa ma kellu jaghti xejn lill-attur sa minn qabel ma giet pprezentata din il-kawza ghaliex il-flejjes li kellu jigbor l-attur, kellu jigborhom minghand il-kjamat in kawza n-Nutar Peter Carbonaro kif del resto ikkonferma l-istess Nutar. Ma ngiebet l-ebda prova da parti tal-kjamat in kawza il-ghaliex huwa m'ghandux ihallas l-ispejjez tal-kawza salv dak li qalet l-avukat difensur tieghu li huwa spicca in ballo bejn il-kontendenti fuq kwistjoni li tikkoncerna lilhom. Illi pero' bir-rispett kollu dan mhux il-kaz ghaliex il-kjamat in kawza spicca l-Qorti proprju ghaliex ma riedx jirrilaxxja l-flejjes li huwa kellu fil-pussess tieghu propjeta' tal-attur u dan ghaliex xtaq izommhom bhala kawtela ghal dak dovut lilu fuq xoghol iehor. Illi dan l-argument tal-kjamat in kawza ma jreggix u dan ghaliex semmai seta' jiddepozita dan l-amont il-Qorti sabiex jigu zbankati f'kaz li l-attur kellu dritt ghalihom u mhux izommhom fil-pussess tieghu u jirrilaxxjhom biss fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Fil-fehma tal-Qorti din il-kawza setghet facilment tigi evitata kieku l-affari giet ben spjegata lin-Nutar li kellu obbligu jirritorna l-flejjes ta' l-attur ghaliex taht l-ebda kappa ta' imaginazzjoni ma kellu dritt ghal din is-somma.

**Konsegwentement, din il-Qorti taqta' u tiddecidi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba promotrici kontenuta fir-rikors, qieghda tikkundanna lill-kjamat in kawza n-Nutar Peter Carbonaro ihallas l-ispejjez kollha konnessi ma' din il-kawza.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**